# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 51/K8/18

Data tal-laqgħa: 11 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Edgar Montanaro – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (2)**

Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku (Inc. 7789/18)
Il-Kunsillier Edgar Montanaro – Kunsillier (Inc.7788/18)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

Il-Kunsill laqgħa lill-Miss Kim Buhagiar Miss San Giljan li ser tkun qed tirrappreżenta lill-San Ġiljan li ser tkun qed tirrappreżenta lill-San Ġiljan fil-kontest ta' Miss Malta 2018. Hija ppreżentat rigal żgħir lis-Sindku filwaqt li l-Kunsill awgurala suċċess għal waqt din il-kompetizzjoni.

**51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

51.1.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsillier Edgar Montanaro talbu li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġi skużati.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

51.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 50/K8/18 għall-approvazzjoni.

51.2.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 50/K8/18.

50.2.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 50/K8/18.

50.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

51.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab jekk kienx hemm żvilluppi dwar Tikka flats. Huwa ġie nfurmat li saru xi interventi fit-triq u jidher li l-problema ssolviet.

51.2.06 Is-Segretarju ressaq rapport tal-kumitat ta' evalwazzjoni dwar it-tender biex tinbena kamra għal ATM u l-embellishment taż-żona. Kien hemm żewġ offerti u l-Kunsill qabel unanimament li tingħata lill-LBV li kienet l-irħas offerta.

51.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultuna qajjem il-punt dwar 50.3.02 dwar il-Monument ta' Ġużè Tanti. Huwa ġie nfurmat li x-xogħol miexi.

51.2.08 Saret sospenzjoni tal-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-materja dwar San Giljan Water Polo Pitch. Il-Kunsill qabel per prinċipju li

għandu jgħin f'dan il-proġett tal-Development Fund (UIF) sakemm dawn ikun disponibbli għal Kunsill. Is-Sur Carlo Mifsud kellu jibgħat lill-Kunsill id-detalji tal-pjanijiet kollha ta' dan l-iżvillup li l-klabb għandu f'idejh.

51.2.09 Il-laqgħa tkompliet fis-5.45p.m.

**51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

51.3.01 Is-Segretarju ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill talba sabiex jitmexxa bilanċ mill-leave tas-sena 2018 għas-sena 2019. Dawn jinkludu 5 t'ijiem tal-Assistant Prinċipal Ms. Cher Carmen Fenech, 5 t'ijiem ta' l-iskrivana Elizabeth Borg u 5 t'ijiem l-iskrivana Bentley Muscat Curmi. Is-Segretarju talb li 88 siegħa mill-leave ta' din is-sena għas-sena 2019. Il-Kunsill qabel unanimament.

51.3.02 Is-Segretarju nforma lil-Kunsill li s-Sinjura Connie Said tat ir-riżenja, huwa spjega li l-call ta' Assistent Prinċipal inħarġet internament u tefgħat l-applikazzjoni tagħha s-Sinjorina Cher Carmen Fenech. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Cher Carmen Fenech tinħatar bħala Assistent Prinċipal. Is-Segretarju ssuġerixxa wkoll li s-Sinjura Connie Said tingħata l-full performance bonus ta 6%. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-full *performance bonus*.

51.3.03 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fis-6.00p.m.

51.3.04 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li t-tenders tal-*parks & gardens* u tas-*soft areas* għalqu u ġew sottomessi tlieta tal-parks & gardens u tnejn tas-soft areas fiż-żewġ każijiet ġie sottomess tender mingħand Progressive Limited li d-direttur ewlieni tal-kumpanija huwa is-Sur Wilson Mifsud li huwa l-istess direttur tal-WM Environment Limited li kienet il-kumpanja li ġiet imwaqfa mill-Kunsill wara li kienu ħarġu numru sostanzjali ta' default notices. Il-Kunsill kellu jieħu parir mingħand l-Avukat ta' kif jista' jipproċedi.

51.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet fil-*public convenience* miexi.

51.3.06 Kien hemm talba sabiex it-tim tar-rugby jibda jagħmel użu mill-grawnd tal-futbol li kienu fil-kumpless Dun Anton Sciberras. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti magħhom għaliex dawn xtaqu jagħmlu xogħolijiet ta' manutenzjoni li kien hemm bżonn.

51.3.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li s-survey ta' Spinola tlesta.

51.3.08 Iċ-Ċermen għamel referenza għall-appell ta' l-ITS fejn il-Kunsill ta' Pembroke, il-Kunsill ta' Swieqi u l-Kunsill ta' San Giljan ser joħorġu l-ammont ta' €1,000 sabeix isir l-appell. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

51.3.09 It-Tender tal-*Parks & Gardens* ser jiġi mġedded għal-xahrejn oħra.

51.3.10 Għandha terġa tintbagħat ittra dwar il-bagi ġewwa il-Bajja ta' Spinola.

51.3.11 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir coffee morning nhar l-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018 ġewwa l-*Splash and Fun*.

**51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

51.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

**51.5 Talba għall-proġett konġunt mal-Water Polo Club San Ġiljan;**

51.05.01 Dan l-item ġie eżawrit aktar qabel fil-laqgħa.

**51.6 Talbiet żgħar;**

**51.6.01 Email mingħand is-Sur Christopher Cremona dwar il-Funtana tal-Balluta. (Inc. 6623/18);**

51.6.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand is-Sur Christopher Cremona dwar il-Funtana tal-Balluta u għalhekk konna sibna xi ħadd privat li kien qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq il-funtana.

**51.6.02 Email mingħand l-Wasteserv dwar proposed new waste collection schedule – San Ġiljan (Inc. 6708/18)**

51.6.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand l-Wasteserv dwar proposed new waste collection schedule – San Ġiljan. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**51.6.03 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/085 – Application Call: 2021 European Green Capital Award Competition (Inc. 6740/18)**

51.6.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/085 – Application Call: 2021

European Green Capital Award Competition. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma japplikax għaliha.

**51.6.04 Email mingħand it-TCTC dwar community projects' for Winter 2018/19 by TCTC (Inc. 6751/18)**

51.6.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand it-TCTC dwar community projects' for Winter 2018/19 by TCTC. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa miegħu.

**51.6.05 Email mingħand il-Banda San Ġiljan dwar Proposta Każin Banda San Ġiljan (Inc. 6752/18)**

51.6.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Banda San Ġiljan sabiex titela' attivita' f' Jannar, il-Kunsill qabel unanimament u s-sehem tal-Kunsill għandu jkun ta' €1,500.

**51.6.06 Email mingħand is-Sur Mario Micallef dwar Programm bl-isem 'Wara Nofsinhar fuq TVM' (Inc. 6842/18);**

51.6.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Mario Micallef dwar Programm bl-isem 'Wara Nofsinhar fuq TVM'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li unanimament li l-Kunsill jippartecipa u jitlob lis-Sur Albert Storache biex jirrapreżentana f'dan il-program.

**51.6.07 Email dwar żvillup ġewwa Balluta Valley (Inc. 6863/18)**

51.6.07.01 Saret riferenza għall-email dwar żvillup ġewwa Balluta Valley. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li nitkelmu mal-Perit biex naraw jekk hemmx xi applikazzjoni.

**51.6.08 Email mingħand is-Sur Joseph Cassar dwar MOC Sports Awards 2018 – kategorija Kunsilli Lokali (Inc. 6913/18);**

51.6.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Joseph Cassar dwar MOC Sports Awards 2018 – kategorija Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ħa niddiskuta mas-Sur Charles Camenzuli

**51.6.09 Email mingħand l-Local Government dwar Malta & Gozo – Battle's Over – A Nation's Tribute – Sunday 11th November 2018 (Inc. 6926/18);**

51.6.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Local Government dwar Malta & Gozo – Battle's Over – A Nation's Tribute – Sunday 11th November 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jieħu ħsieba l-Kunsillier Clayton Luke Mula.

**51.6.10 Ittra mingħand is-Sur Joe Sammut dwar laqgħa mal-membri tal-Kunsill (Inc. 7166/18)**

51.6.10.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Joe Sammut dwar laqgħa mal-membri tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nistidnuh għal-laqgħa li jmiss.

**51.7** Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu sabiex intellgħu attivita' flimkien fl-okazzjoni tal-Milied. Il-kunsill qabel unanimament li s-sehem tagħna għandu jkun ta' €1,000.

**51.8** Email mingħand in-Neptunes Water Polo Club dwar proġett li ser isir ġewwa l-Pixxina. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nitolbu laqgħa magħhom fejn fiha ningħataw dettalji dwar l-proġett.

**51.9** Saret riferenza għall email mingħand is-Sur Simon Vella Gregory u is-Sur Elton Abela dwar il-programm bl-isem Bieb u Ghatba fuq Net TV. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa u li jħallas l-ammont ta' €1,000.

**51.10** Saret riferenza għall-email dwar talba għall-parking bays għal diversi żoni tal-eletric car sharing. Kien hemm qbil biex issir laqgħa magħhom sabiex niddiskutuha aktar fid-dettal minħabba li hemm problema ta' parkeġġ.

51.11 Il-Kunsill ġiel nfurmat li laħaq Pirjol ġdid Fr. Franco Grech għal Knisja ta' Omm tal-Parir it-Tajjeb, Paceville.

51.12 Ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra l-awgurazzjoni għall-Kappilan il-ġdid tal-Balluta Patri Renald Lofreda u jintbagħtu l-awguri lill-Fr. Joe Saliba għal ħidma li saret minnhu.

51.13 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur John Attard Kingswell fejn irringrazzjana talli qed insemmu triq għall-missieru.

**51.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

51.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 45/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**51.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

51.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

51.08.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

51.08.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondaħ.

51.08.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**51.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

51.09.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4529 sa 4553. (Ara Appendiċi 'B')

51.09.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**51.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

51.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Novembru fl-4.30p.m.

51.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 08 ta' Novembru 2018